



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 82/23

il-Lussemburgu, 17 ta' Mejju 2023

Sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-321/20 | enercity vs Il-Kummissjoni

Ir-rikors tal-impriża municiċipali Ġermaniża enercity kontra l-approvazzjoni mill-Kummissjoni tax-xiri tal-assi ta' produzzjoni ta' E.ON minn RWE huwa meqjus inammissibbli

Il-Qorti Ġenerali tiċċara f'dan il-kuntest il-kwistjoni l-ġdida tal-oneru tal-prova fir-rigward tal-fatt li jintbagħat mill-Kummissjoni l-kwestjonarju sabiex twettaq l-investigazzjoni tagħha tas-suq

F'Marzu 2018, il-kumpanniji rregolati mid-dritt Ġermaniż RWE AG u E.ON SE ħabbru li riedu jwettqu skambju kumpless ta' assi permezz ta' tliet konċentrazzjonijiet.

Permezz tal-ewwel operazzjoni, RWE, li tintervjeni tul il-katina kollha tal-provvista tal-enerġija f'diversi pajjiżi Ewropej, xtaqet takkwista l-kontroll esklużiv jew il-kontroll konġunt ta' ċerti assi ta' produzzjoni ta' E.ON, fornitur tal-elettriku li jopera f'diversi pajjiżi Ewropej. It-tieni operazzjoni kienet tikkonsisti fl-akkwist minn E.ON tal-kontroll esklużiv tal-attivitajiet ta' distribuzzjoni tal-enerġija u tal-kummerċ bl-imnut kif ukoll ta' ċerti assi ta' produzzjoni ta' innogy SE, sussidjarja ta' RWE. Fir-rigward tat-tielet operazzjoni, hija kienet tipprevedi l-akkwist minn RWE ta' 16.67 % tal-ishma ta' E.ON.

Fl-24 ta' Lulju 2018, l-impriża municiċipali Ġermaniża enercity AG, li tipproduċi u tipprovdi l-enerġija fil-Ġermanja, ikkomunikat lill-Kummissjoni Ewropea x-xewqa tagħha li tipparteċipa fil-proċedura relatata mal-ewwel u t-tieni konċentrazzjoni u, konsegwentement, li tirċievi d-dokumenti relatati magħhom.

Peress li l-ewwel konċentrazzjoni ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni fit-22 ta' Jannar 2019, din tal-aħħar wettqet b'mod partikolari stħarriġ tas-suq, billi bagħtet kwestjonarju lil ċerti impriżi. Permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Frar 2019¹ (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kontenzjuża”), il-Kummissjoni ddikjarat din il-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern.

Enercity² ippreżentat rikors għall-annullament ta' din id-deċiżjoni li ġie miċħud bħala inammissibbli mir-Raba' Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali, minħabba nuqqas ta' inċidenza individwali tal-impriża municiċipali mid-deċiżjoni kontenzjuża. Sabiex tasal għal din il-konklużjoni, il-Qorti Ġenerali teżamina b'mod partikolari l-kwistjoni ġdida tal-oneru tal-prova dwar il-fatt li jintbagħat il-kwestjonarju mill-Kummissjoni fil-kuntest tat-twettiq tal-investigazzjoni tagħha tas-suq.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

¹ Deċiżjoni C(2019) 1711 final tal-Kummissjoni Ewropea tas-26 ta' Frar 2019, li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim taż-ŻEE (Każ M.8871 – RWE/E.ON Assets).

² Ta' min jinnota li għaxar impriżi oħra wkoll ippreżentaw rikors għal annullament kontra din id-deċiżjoni. Dawn ir-rikorsi kollha huma miċħuda jew għax meqjusa inammissibbli jew fuq il-mertu. Ara s-sensiela ta' kawżi relatati: sentenzi tas-17 ta' Mejju 2023, EVH vs Il-Kummissjoni, T-312/20, Stadtwerke Leipzig vs Il-Kummissjoni, T-313/20, GWS Stadtwerke Hameln vs Il-Kummissjoni, T-314/20, TEAG vs Il-Kummissjoni, T-315/20, Naturstrom vs Il-Kummissjoni, T-316/20, EnergieVerbund Dresden vs Il-Kummissjoni, T-317/20, eins energie in sachsen vs Il-Kummissjoni, T-318/20, GGEW vs Il-Kummissjoni, T-319/20, Mainova vs Il-Kummissjoni, T-320/20, u Stadtwerke Frankfurt am Main Holding vs Il-Kummissjoni, T-322/20.

Preliminarjament, il-Qorti Ġenerali tfakkar li, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, persuna fiżika jew ġuridika tista' tippreżenta rikors kontra deċiżjoni indirizzata lil persuna oħra biss jekk din id-deċiżjoni tikkonċernaha direttament u individwalment.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tikkonferma li enerċity hija direttament ikkonċernata mid-deċiżjoni kontenzjuża peress li, billi tippermetti t-twettiq immedjat tal-ewwel konċentrazzjoni, din id-deċiżjoni kienet tali li twassal għal bidla immedjata fis-sitwazzjoni tas-swieq ikkonċernati.

Fir-rigward tal-inċidenza individwali ta' enerċity, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, fil-każ ta' deċiżjoni li tikkonstata l-kompatibbiltà ta' konċentrazzjoni mas-suq intern, l-inċidenza individwali ta' impriża terza fuq din l-operazzjoni tiġi ddeterminata fuq il-bażi ta', minn naħa, l-inċidenza fuq il-pożizzjoni tagħha fis-suq u, min-naħa l-oħra, il-parteċipazzjoni tagħha fil-proċedura amministrattiva. Fuq dan l-aħħar punt, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, jekk il-parteċipazzjoni attiva tal-impriża terza fil-proċedura amministrattiva tikkostitwixxi element li jittieħed regolarment inkunsiderazzjoni sabiex tiġi stabbilita, flimkien ma' ċirkustanzi speċifiċi oħra, l-ammissibbiltà tar-rikors għall-annullament tagħha, is-sempliċi parteċipazzjoni fil-proċedura ma hijiex biżżejjed, fiha nnifisha, sabiex tiġi stabbilita l-inċidenza individwali tagħha.

Issa, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali tinnotta qabel xejn li l-parteċipazzjoni ta' enerċity fil-proċedura amministrattiva relatata mal-ewwel konċentrazzjoni ma hijiex ikkontestata. Madankollu, eżami ddettaljat tal-elementi ppreżentati f'dan ir-rigward iwassal lill-Qorti Ġenerali tikkonstata li ma huwiex biżżejjed li tiġi stabbilita n-natura "attiva" ta' din il-parteċipazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis, b'mod iktar partikolari, li l-osservazzjonijiet magħmula minn enerċity f'dan il-kuntest, għalkemm ta' ċertu interess u li ġew ittrattati mill-Kummissjoni, ma kinux determinanti fl-evalwazzjoni tal-effetti tal-konċentrazzjoni inkwistjoni fis-suq rilevanti.

Din il-konklużjoni ma hijiex invalidata mill-argumenti ta' enerċity ibbażati, essenzjalment, fuq l-allegata nuqqas ta' diliġenza tad-dipartimenti tal-Kummissjoni fil-konfront tagħha, kemm fir-rigward tal-fatt li jintbagħat il-kwestjonarju bil-għan li titwettag investgazzjoni tas-suq kif ukoll f'dak li jirrigwarda s-segwitu mogħti għat-talba tagħha sabiex tiġi rrikonoxxuta bħala terz interessat.

Sa fejn enerċity ssostni li ma rċevietx l-imsemmi kwestjonarju, il-Qorti Ġenerali tippreċiża, qabel kollox, li hija l-Kummissjoni li għandha tipproduċi l-prova li dan intbagħat. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li l-Kummissjoni, wara miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, ipproduċiet diversi provi xierqa li juru li d-dokument kontenzjuż intbagħat lil enerċity.

Sussegwentement, meta tirrispondi għall-argument ta' enerċity li jgħid li l-kwestjonarju ntbagħat lil destinatarju żbaljat, jiġifieri lill-uffiċjal tal-istampa tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li jista' raġonevolment ikun mistenni minn tali persuna, li tirċievi mhux biss ittra posta elettronika, iżda wkoll faks mingħand istituzzjoni tal-Unjoni, li tinforma lill-imsemmija istituzzjoni mill-iktar fis possibbli bl-iżball fid-destinatarju. Barra minn hekk, kien possibbli għaliha wkoll li tikkuntattja lis-servizz ġuridiku jew kummerċjali tal-impriża tagħha sabiex tinformaha dwar il-wasla ta' dawn id-dokumenti.

Fi kwalunkwe każ, anki li kieku enerċity irritornat il-kwestjonarju mimli, is-sempliċi fatt li tibgħatu ma kienx jikklassifika l-parteċipazzjoni tagħha fil-proċedura amministrattiva bħala attiva u jindividwalizzaha fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

Fl-aħħar nett, anki jekk it-talba ta' enerċity lill-uffiċjal tas-seduta sabiex tiġi rrikonoxxuta bħala terz interessat tikkostitwixxi indikazzjoni tax-xewqa tagħha li tipparteċipa fil-proċedura relatata mal-konċentrazzjoni inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja lanqas ma taċċetta li tali talba tista' tiddefinixxi n-natura "attiva" tal-parteċipazzjoni tagħha, peress li tali karatterizzazzjoni tirrikjedi li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' azzjonijiet tal-impriża kkonċernata li setgħu influwenzaw l-eżitu tal-proċedura inkwistjoni.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, li minnhom jirriżulta li enerċity ma pparteċipatx b'mod attiv fl-ewwel konċentrazzjoni u, barra minn hekk, fid-dawl tal-assenza ta' ċirkustanza partikolari dwar l-inċidenza fuq il-pożizzjoni tagħha fis-suq, il-Qorti

Ġenerali tqis li hija ma hijjex individwalment milquta mid-deċiżjoni kontenzjuża. B'hekk, il-Qorti Ġenerali tikkonkludi li enercity ma stabbilixxietx il-*locus standi* tagħha u, konsegwentement, tiċħad ir-rikors tagħha bħala inammissibbli.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiegħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!

